# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 11 Novembru Diċembru 1995

Dal-magażin stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA MOS





(paġ 3)

## Pitter u irbaħ!!

(paġna 12)



Victor Falzon

*Narċis*



# editorjal



Għeżież Ħuttaf,

Darba waqt ħarġa tal-Klabb Ħuttaf sibna ħanex fil-ħamrija, u konna qed inżommuh ftit f'idejna ħalli naraw il-mod kurjuż kif jiċċaqlaq. Jien u nispjega xi ħaġa dwaru, semmejt li l-ħanex huwa annimal selvaġġ.

Fil-pront it-tifla li kienet qed iżżomm il-ħanex dak il-mument tatuli lura bil-ġirja.



"X'ġara?" staqsejtha.

"Ma jmurx jigdimni!" qaltli b'għajnejha mberrqin.

"Jigdmek! Mela l-ħanex jigdem!" tbissimtilha jien.

"M'għadekx kemm għedt li dak annimal selvaġġ?!" wiġbitni t-tifla.



Ħafna nies jaħsbu li l-kelma selvaġġ tfisser feroċi u perikoluż. Tant hu hekk li meta xi ħadd jiggoffa ngħajruh selvaġġ! Imma meta nitkellmu dwar is-selvaġġ fin-natura, inkunu rridu nfissru annimal jew pjanta li jgħixu mingħajr l-għajnuna tal-bniedem. U l-ħanex ma jrabbuhx in-nies!

B'hekk il-qamħ li jiżra' u jsaqqi l-bidwi mhuwiex selvaġġ. Imma l-peprin li jikber waħdu qalb il-qamħ huwa selvaġġ.

Issa agħmlu reżoluzzjoni għas-sena l-ġdida: Meta taraw ħaxix li jkun kiber waħdu fil-ġnien jew ma' ġenb ta' triq, u tkunu se tgħidu "ħaxix ħażin", ftakru li fin-natura m'hemm xejn li hu ħażin, u għidu "ħaxix selvaġġ". Inkella tismagħkom xi busbieża... u tigdimkom!

Il-Milied u s-Sena t-Tajba, għeżież membri. Lilkom u lill-familji tagħkom!






Victor Falzon
Editur

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet | paġ 3 |
| Mid-Dinja... | paġ 3 |
| Tisliba bl-Istampi | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq l-Isturnell | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Poeżija/Gallery | paġ 7 |
| Rapport World BirdWatch 95 | paġ 7 |
| Naturalment | paġ 8 |
| Attività | paġ 8 |
| Rakkont | paġ 9 |
| Niltaqgħu ma' Manuel Mallia | paġ 10 |
| Avviż | paġ 12 |
| Ritratt Messaġġ | paġ 12 |




Ċistu Isfar

Working Group Klabb Ħuttaf
Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Margaret Muscat

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta MOS għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, talks, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magazin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll numru ta' Gruppi Lokali.
Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1 fis-sena.

*Faċċata ta' Quddiem*
Narċis
(*Narcissus tazetta* - French Daffodil)

Waħda mill-isbaħ fjuri tax-xitwa, waħda mill-iktar li jfuħu u b'xorti ħażina waħda mill-iktar li jinqatgħu "għal ġol-vażett". Minħabba f'hekk in-narċis mhux qed jitħalla jagħmel iż-żerriegħa u jinfirex. U ftit ftit qed nitilfu minn Malta fjura tal-ġenn. Ħuttaf, TAQTGĦUX NARĊIS.

Pubblikazzjoni ta' BirdLife Malta MOS
POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Novembru 1995

aħbarijiet

## Par Avian



Name:

Address:

Country: MALTA

Age:

I am a girl ☐ a boy ☐ *(tick box)*

Interests:

My penfriend should be a boy ☐

a girl ☐

I don't mind ☐

Do you speak/write any language other than English:

**Please send a recent photograph of yourself if you can. You should hear from us within 6 weeks. We will try to match you with another young person with similar interests. We'll send your address to your penfriend and theirs to you. Then it's for you to get to know each other - and that's the fun of it.**

Il-Ħuttafa is the bimonthly magazine of Klabb Ħuttaf the junior section of BirdLife Malta MOS



Sena ilu semmejnilkom il-**Par Avian**, skema ta' ħbieb tal-pinna għal tfal u żgħażagħ li jixtiequ jikkorrispondu ma' ambjentalisti ta' mparhom minn pajjiżi differenti. Sirna nafu li sa Marzu 1995 kienu diġà ħadu sehem 3000 ruħ, **fosthom 39 membru minn Klabb Ħuttaf!**

Din l-aħbar heġġitna nerġgħu nġibu r-riklam għal din l-iskema, u mill-ġdid inħajrukom tieħdu sehem. Minn skemi bħal dawn tistgħu tagħmlu ħbiberiji għal tul ħajjitkom! Għalhekk ħudu fotokopja ta' dil-formola, imlewha u ibagħtu d-dettalji tagħkom lil:

PAR AVIAN YOC
The Lodge, Sandy, Beds
SG19 2DL - UK

## Qtil fil-kunvent



M'ilux ħarbu żewġ grawwiet tat-toppu (crowned crane) minn Sant Anton, u wara li qagħdu jtiru ftit, niżlu fil-ġnien ta' kunvent tas-sorijiet. Żewġ kaċċaturi li rawhom niżlin qabżu l-ħajt u daħlu għalihom. Grawwa minnhom ħarbet, imma l-oħra ... qiegħda illum ġo vetrina! Dik li ħarbet instabet u tieħdet lura Sant Anton, imma kellha xokk kbir fuqha, u ma damitx ma mietet ukoll.





## Mid-dinja...



## "Where have all the hunters gone?"

Dis-sena fl-Italja 800,000 kaċċatur ġeddu l-liċenzja tal-kaċċa X'biża' ta' numru, hux! Imma emmnuni: din kienet **aħbar tajba!**

Aħbar tajba għaliex? Għax 10 snin ilu, in-numru kien **2,000,000**! U fi Franza ġara l-istess!

Għaliex qed jonqsu daqshekk? Għax fl-aħħar in-nies qed jindunaw li l-kaċċa mhi xejn ħlief qtil u ħela ta' ħajja. Hekk hu, ħbieb. Ir-renju ta' Rambo beda t-triq tan-niżla. **Nawguraw li din ix-xorti tmiss lil Malta ma ddumx!**

## Ta' l-istrixxi ħa tisparixxi

Fl-Indja qed joqtlu mill-inqas tigra kuljum. Sa 10 snin oħra d-dinja ħa tkun tilfet wieħed mill-isbaħ annimali li vvintat in-natura.



# Tisliba bl-istampi

maħsuba minn Norman Chetcuti

Ibda minn fuq nett u kompli nieżel kaxxa kaxxa, mix-xellug għal-lemin, sakemm timla d-disa' kaxxi griżi







## WEQFIN

1 

4 

11 

2 

5 

14 

3 

8 

18 

9 

10 

## MIMDUDIN

2 

6 

12 

16 

7 

13 

17 

20 

11 

15 

19 

21 

Il-kaxxi griżi jiffurmaw dan l-għasfur. X'inhu?




Fis-sajf l-isturnell jitlef it-tikki tax-xitwa

# l-isturnell

**Fil-ħarġiet tal-Ħuttafa li għaddew iltqajna ma' bosta tipi ta' għasafar. Semmejna speċi li jeħtieġu ambjent mhux mittiefes, u semmejna oħrajn li tgħallmu jużaw il-bliet traffikużi u mdaħħna tagħna bħala t-tieni dar tagħhom. Illum nagħtu ħarsa lejn wieħed minn dawn ta' l-aħħar: l-isturnell.**

L-isturnell huwa ftit iżgħar minn ħamiema, u mill-bogħod jidher iswed tuta. Mill-viċin, madankollu, ninnutaw tikki bojod ma' ġismu kollu u lwien li jkanġu fil-vjola u l-aħdar. It-titjira hi mgħaġġla u ħafifa u kontra x-xemx għandu silwett trijangolari. Munqaru tawwali u matnazz: dan għaliex l-isturnell jiekol kważi kollox, bi preferenza għal insetti u dud.

L-isturnell hu għasfur storbjuż immens, u ġieli jqatta' ġranet sħaħ fuq l-arbli tat-televixin isaffar u jżarżar. Għandu wkoll ħila kbira li jimita l-għajtiet ta' ħafna għasafar: għalhekk attenti Ħuttaf qabel ma tiktbu li smajtu xi għasfur rari!

L-isturnell huwa komuni sew fil-pajjiżi kollha fejn ibejjet. Iħobb iżomm qrib il-bini u fil-fatt jibni l-bejta f'xi nieqa bejn il-ġebel. F'Malta narawh l-aktar fix-xitwa, bejn l-aħħar ta' Settembru u Marzu. F'dawn ix-xhur l-isturnell jidher dejjem fi qtajja', jiġifieri grupp għasafar li jqattgħu l-jum ifittxu l-ikel, jinħaslu u jistrieħu flimkien. X'aktarx li dawn ikunu qtajja' żgħar, iżda f'postijiet tajbin, bħal xi xagħra kwieta jew masġar żebbuġ ġieli niltaqgħu ma' eluf f'qatgħa waħda.



Meta l-għasafar jinġabru fi qtajja' dan ifisser wens għalihom, minħabba li flimkien anqas hemm periklu minn xi predatur bħal qattus, seqer jew bniedem. Fil-fatt l-ewwel ħaġa li jitgħallmu berdwoċers hi kemm huwa diffiċli li tersaq lejn qatgħa sturnell; kull qatgħa jkollha l-għassies, li xogħlu hu li javża lil sħabu li ġej l-għawġ! Bil-lejl il-bżonn ta' wens jiżdied, u għalhekk insibu li l-isturnell jinġabar fi qtajja' enormi f'siġar kbar f'nofs il-bliet.

Għalhekk kull filgħaxija naraw eluf ta' sturnell jerħulha lejn il-Belt, jew lejn Birkirkara jew lejn il-Ħamrun. Filgħodu jerġa' jinfirex fi qtajja' żgħar. Ta' min jgħid li l-isturnell qed jiżdied f'xi pajjiżi ġodda, fosthom l-Amerka fejn iddaħħal mill-bniedem f'dan is-seklu, u llum kullimkien tara qtajja' ta' sturnell jitħalltu ma' l-għasafar Amerikani.

L-aħjar aħbar ħallejtha għall-aħħar. Ix-xogħol kbir li tagħmel il-BirdLife Malta favur l-għasafar (u li intom bħala membru għandkom sehem minnu) qed iħalli l-frott. Fl-1994 l-isturnell bejjet għall-ewwel darba f'Malta*, u l-grawnd tax-Xagħra tal-Furjana laqa' fih erba' frieħ jiffittaw lill-ġenituri tagħhom għall-ikel!!

Fl-aħħar l-isturnell nistgħu ngawduh is-sena kollha. Naħseb li kieku dawk il-frieħ setgħu jitkellmu, l-ewwel kliem kien ikun: Grazzi u Prosit, Ħuttaf!

**Mark Falzon**

Malti: Sturnell
Ingliż: Starling
Xjentifiku: *Sturnus vulgaris*

*Ara Il-Ħuttafa Nru3 - Lulju Awwissu 1994

# ittri



## X'nista' nagħmel..?

**Għażiż Editur,**

**Nixtieq ngħidlek grazzi ta' dan il-magażin li qiegħed tagħmel kull xahrejn, u prosit.**

**Filgħodu kmieni nisma' ħafna sparar u nara ħafna kaċċaturi sejrin għall-kaċċa jew ġejjin lejn darhom b'xi għasfur tal-priża fil-basket. X'nista' nagħmel biex inwaqqaf lil dawn in-nies, għax meta ngħidilhom toqogħdux tisparaw għall-għasafar jgħiduli min biex jibbalzmahom jew għax "free time" tagħhom.**

**Jekk jogħġbok tista' tgħidli x'irrid nagħmel? Grazzi ħafna.**

**Karl Farrugia**

Għażiż Karl,

Grazzi ta' l-ittra mqanqla tiegħek. Nifhem ħafna xi tħoss meta tara dak il-ġmiel ta' tajr jinqered għal xejn b'xejn. X'tista' tagħmel?

Ara, li żgur *m'għandekx* tagħmel huwa li tipprova tieħu r-raġun mal-kaċċaturi. Għalxejn! L-aqwa arma biex xi darba neħilsu minn nies bħal dawn hija li Malta timtela ambjentalisti bħalek.

Mela ibda ħajjar lil sħabek, ħutek u l-kuġini jidħlu membri fi Klabb Ħuttaf, u forsi lill-ġenituri u żijiet fit-taqsima tal-kbar ta' BirdLife Malta MOS. Iktar ma tikber l-Għaqda tagħna, iktar ikollha saħħa biex inwaqqfu l-qerda tan-natura.

Ikteb fil-gazzetti u fir-rivisti tat-tfal (bħal Sagħtar), semma' l-opinjoni tiegħek u ħajjar lill-qarrejja jissieħbu f'għaqdiet ambjentali.

Jekk sadanittant tara min jikser il-liġi, bħal meta semmejtli t-tajr tal-priża maqtul, dejjem tista' tirrapportah lill-pulizija speċjali (ALE) fuq numru **240707**. Imbagħad jieħdu l-azzjoni huma.



Taqtax qalbek, Karl. Għad jiġi żmien meta filgħodu flok sparar tisma' l-għana ta' l-għasafar!

L-Editur

**Ibagħtu l-ittri tagħkom lil**

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta MOS**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

## Seħer ta' Seqer



**Għażiż Editur,**

**Ftit ilu tlajna Għawdex u morna ż-Żebbuġ. Fit-triq ilmaħna seqer fuq arblu tad-dawl. X'ħin sema' l-ħoss tal-vann, fil-pront fetaħ il-ġwienaħ u beda jtir fuqna. Kienet l-ewwel darba li rajt seqer itir u bqajt imsaħħra b'dik id-dehra sabiħa.**

**Annalise Aquilina**
**Fgura**

Għażiża Annalise,

Għandek raġun! Seqer huwa meravilja tan-natura!

L-Editur

## Happy Bird Day!




David ma' sħabu fid-daħla tar-riserva

**Għażiż Editur,**

**Kemm ħadna gost il-ħbieb tiegħi u jien meta ġejna l-Għadira biex naraw l-għasafar! Il-ġenituri tiegħi ġabuna hemm meta għalaqt snini. Kellna x-xorti li naraw kwakka (night heron), gawwija prima (yellow-legged gull) u tliet għasafar ta' San Martin (kingfisher). Wara, is-sur Paul Portelli bil-paċenzja dawwarna mal-post u wriena spanjulett (kestrel) ferut.**

**Grazzi ta' kollox**

**David Oscar Vella Attard**

Għażiż David,

Idea vera tajba li nhar għeluq sninek ħaduk żjara fir-riserva naturali ta' l-Għadira. M'għandix dubju li ħadt pjaċir. Jien ili mmur l-Għadira għal dawn l-aħħar 17-il sena, u xorti għadni dejjem inkun eċitat x'ħin inħares mit-tieqa tal-ħajd u nibda nifli s-siġar u truf l-ilma għal xi għasfur interessanti!

Nawguralek aktar żjarat u aktar għasafar!

L-Editur

# poeżija

*Robin Robin Robin*
*Your voice is so sweet*
*It suits you from your*
*Nose to your feet*

*I like you so much*
*I wish I could touch*
*Your tiny little toes*
*And your pretty nose*

*But all I could say*
*Is "Goodbye for now!"*
*That's instead of "Ċaw!"*



*Elaine Compagno*

## World BirdWatch 95




Kif tiftakru mill-Ħuttafa 10, Klabb Ħuttaf ħa sehem attiv fil-World Birdwatch 95. Għamilna attività fl-inħawi ta' Selmun, li kienet suċċess. Ħadu sehem fiha 37 ruħ, li tqassmu fi tmien gruppi. Dawn kellhom għażla ta' tliet mogħdijiet minn fejn jgħaddu u jagħmlu berdwoċing.

L-attività damet tliet sigħat, u meta fl-aħħar kulħadd inġabar ħdejna l-Leaders, qgħadna nqabblu x'ra kull grupp. B'kollox intlemħu 14-il speċi, li kienu:

1 **Għammiel tal-Bejt** Spanish Sparrow
2 **Bufula Sewda** Sardinian Warbler
3 **Zakak Abjad** White Wagtail
4 **Gawwija Prima** Yellow-legged Gull
5 **Vjolin Pastard** Willow Warbler
6 **Pitirross** Robin
7 **Żanżarell tat-Tikki** Spotted Flycatcher
8 **Bagħal ta' l-Imrewħa** Fan-tailed Warbler
9 **Merill** Blue Rock Thrush
10 **Buċaqq tax-Xitwa** Stonechat
11 **Diżż** Tree Pipit
12 **Rożinjol** Nightingale
13 **Sturnell** Starling
14 **Bagħdan** Marsh Harrier




# ART GALLERY

**Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta**




Andrew Pace (7)




David Micallef




Stephanie Darmanin (11)



**Irrispetta ż-żringijiet! TAQBADHOMX!**

## NATURALMENT

### Siġra ħajja għall-Milied!

**Il-Milied reġa' magħna. Hekk kif jaqleb Diċembru jibdew jiżdiedu s-siġar imżejnin fid-djar tagħna... u jonqsu s-siġar ta' għamla tawwalija mill-kampanja Maltija!**




Ħafna familji ħadu l-vizzju ikrah li ta' kull sena jqaċċtu xi siġra mdaqqsa taż-Żnuber jew taċ-Ċipress. Imbagħad, wara li jużawha bħala siġra tal-Milied, jarmuha qisu qatt ma kien xejn.

Ikun ħafna aħjar jekk flok inqaċċtu s-siġar nużaw siġar ħajjin, li jinxtraw mill-mixtla tal-Gvern jew mill-ħwienet tal-pjanti. Wara li jgħaddu l-festi wieħed jista' jżomm is-siġra fil-qasrija u jużaha għas-sena ta' wara. S'intendi, sakemm jerġa' jasal Milied ieħor, din għandha tinżamm f'post fil-beraħ, tissaqqa eċċ.

Dawk li jridu jagħtu rigal lill-ambjent Malti jistgħu jħawlu s-siġra fil-ġnien ta' l-iskola jew x'imkien fil-kampanja. Minħabba li s-siġra tkun drat l-arja sħuna tad-dar, wieħed għandu jħalliha xi erbat ijiem f'post iktar frisk (eż. fil-garaxx) qabel iħawwilha fil-beraħ.

**Jason Aloisio**

(Nota: Araw ukoll ir-Ritratt Messaġġ paġna12)

## GRUPPI LOKALI

**ATTARD**
**Ko-ordinaturi: Agnes Scicluna u Silvio Scicluna**
**Leaders oħrajn: Isabella Borg, Grace Camilleri, Graziella Fenech, Marija Fenech, Marisa Grech**
**MOSTA**
**Ko-ordinaturi: Mark Gauci u Carmen Vella**
**Leaders oħrajn: Justin Vassallo**
**NAXXAR**
**Ko-ordinaturi: Jason Aloisio u Mark Falzon**
**Leaders oħrajn: Anita Bezzina, Caldon Mercieca, Rosierre Mercieca, Konrad Pizzuto.**
**RABAT**
**Ko-ordinaturi: Audrey Chetcuti u Norman Chetcuti**
**Leaders oħrajn: Silvana Agius, Robert Borg,**




**U għal darb'oħra wasal il-famuż PARTY tal-Milied tal-Klabb, kull sena ikbar u isbaħ minn ta' qabel...**

- **Logħob, rebħ u rigali!**
- **Xorb, ikel u ħelu!**
- **Dwejjaq u biki!**

(min ma jiġix!)

**Ejjew gawdu magħna fil-kwiet l-aħħar attività tas-sena! Kwiet? Xi kwiet? Xi ħadd semma' l-kwiet?!?!?!**




Data: **20 Diċembru**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Ħin: **6.30pm - 8.30pm**
Prezz: **Lm1.50** (fil-bieb)

# Passiġġata fil-ħarifa



Victor Falzon

**Qagħdli** fl-aħħar! Kont ili skoss nippassiġġa warajh taparsi mhux moħħni fih. U hu, beżgħan u kurjuż fl-istess ħin, kien qed iżommni dawk l-għoxrin pass 'il bogħod minnu. Fl-aħħar ħallieni nersaq. Naħseb kien induna li dil-ħaġa goffa riesqa lejh (jiġifieri jien) ma kinitx perikoluża. Rabba l-kuraġġ u qagħad jitbandal fuq fergħa busbież.

Waqaft għaxar passi 'l bogħod minn oal-ġmiel ta' bućaqq. Ċaqċaqli waħda qasira imma qawwija. Qabeż għal fuq blata kollha likeni sofor u suwed, u dak il-ħin eżatt ħarġet ix-xemx minn wara s-sħab. Waww, man! Bis-slowmowxin tellajt il-kamera m'għajnejja u qabel ma ttappanli n-nuċċali bl-eċitament, ġbidt!



bućaqq tax-xitwa

Żiffa ħarrket il-bsaten nexfin ta' l-għansar, u l-bućaqq sparixxa.

Ġbart il-basket tal-kamera minn fejn kont tlaqtu, u fil-pront nifditli mnieħri riħa qawwija: il-aħwa, fil-fixla tal-bućaqq kont tlaqt il-basket fuq pjanta tal-fejġel, u issa donnha riedet tpattihieli billi ġġenninni bir-riħa!

Imxejt lejn il-wied u ħarist lejn is-sħab ftit skur tiela' lejja. Ajma ħej, tgħid ma niddubbawx xi xawer b'xejn?

Smajt tisfira qasira fuq rasi u għadda għasfur. Ittrumbjajtlu. Malvizz! Imbagħad aktar tisfir, u aktar imlievez. Ħmistax jew sittax. Wieħed minnhom kien - kif ngħidu aħna l-berdwoċers - imdamdam! Xi kaċċatur Chuck Norris imdejjaq ma kienx jaf jimmira biżżejjed! Komplejt miexi.

F'għalqa żdingata kienet għaddejja partita futbol! Kudirrossi suwed kontra zizka bojod! Referee: bućaqq tax-xitwa. Kummentarju: żewġ pitirrossi għaddejjin ifaqqgħu ma jaqtgħu xejn, wieħed jipprova jitfi lill-ieħor. Waqaft wara ċint nitpaxxa. Kien hemm ma' l-għoxrin nitfa għasfur jitbellhu u jiġġerrew, u ma domtx ma ndunajt għaliex. Il-post kien infestat nemel irqaq, itiru sħaba sħaba. L-għasafar kellhom festa, speċjalment iz-zizka. Jiġru, itiru, jibbrejkjaw f'nofs titjira b'denbhom miftuħ biex juru x'denb ta' kiesaħ għandhom!

Illandja pitirross fuq iċ-ċint. Ħdejja! Subgħajja mill-ġdid bdew jikluni għall-kamera. Tellajt il-kamera m'għajnejja u żammejt in-nifs. Il-pitirross qagħdli, anzi bħal xi mudell beda jdur u joffrili l-angoli kollha, filwaqt li jfaqqa' waħda f'waħda. Jien bdejt infaqqa' (ritratti!) iktar minnu, u ħadtlu xi tmienja sa ma għodosli wara ċ-ċint! Kont ferħan se ntir, rari kont daqshekk b'xortija fir-ritratti.

Qatra xita fuq in-nuċċali, u daħħalt il-kamera fil-basket. Tliet qatriet oħra. Hawn aħna! Insejt il-"logħba futbol" u mmirajt għal ħofra f'ġenb ta' rdum baxx tal-franka. Dħalt fiha, u fil-pront ħareġ sparat kudirross iswed. Miskin kien ukoll qed jistkenn hemm ġew, u bla ma ridt gerrixtu! Ħeqq, jien kieku xtaqtu baqa' miegħi, kien hemm post għal tnejn. Imma mur fehmu!

Qgħadt fid-daħla nara x-xita nieżla, u kif ħarist 'il fuq rajt qatgħa għasafar kbar skuri jtiru bil-mod f'linja miksura. Għarafthom qabel ma ttrumbjajtilhom: kienu ħdax-il russett griż. X'jimpurtahom dawk mix-xita nieżla, dawk ma kellhomx kamera x'tixxarrbilhom, b'dawk ir-ritratti prezzjużi fiha!

Ma kinitx ħalba qawwija bħas-soltu ta' Novembru. Waqfet u ħriġt. Xammejt mill-ewwel ir-riħa ta' blat u ħamrija u pjanti mxarrbin. Waħda mill-iktar irwejjaħ li jtellgħuni l-ġenna!

Id-dawl issa kien batta u r-riħ beda jitqawwa u jiffriska. Dawwart denbi u bdejt miexi lura lejn ir-raħal. Waqaft niġbor ftit żerriegħa ta' l-għansar għall-ġnien ta' l-iskola. Mill-basket ħriġt il-bott vojt tal-film biex nitfa' ż-żerriegħa fih.

Waqaft inħares skantat lejn il-bott. Il-bott... ma kienx vojt! Kellu fih film ġdid tar-ritratti! Hekk hu, il-film li suppost kien... fil-kamera!



**Audrey Chetcuti titkellem ma' nies differenti tal-BirdLife Malta MOS, li jkellmuna dwar IS-SEHEM TAGĦHOM FL-GĦAQDA**

# Niltaqgħu ma' *Manuel Mallia*

**Illum se niltaqgħu ma' berdringer jismu Manwel, li ilu ħafna berdringer mal-BirdLife Malta. Forsi xi wħud minnkom iltqajtu miegħu meta tlajna Kemmuna biex naraw proprju kif isir dax-xogħol. Iżda naf biċ-ċert li ħafna minnkom ma tafux eżatt x'isir fir-ringing. Għalhekk tlabna lil Manwel jispjegalna ftit...**





Victor Falzon

**Manwel, ilek xejn fil-BirdLife Malta?**
Jien ili mill-1983 fil-BirdLife Malta.

**X'ħajrek tibda tirringja l-għasafar?**
Fil-BirdLife tgħallimt ħafna dwar l-għasafar permezz tal-berdwoċing, imma xtaqt insir naf iktar, u għalhekk tħajjart insir berdringer.

**X'tagħmel eżatt fil-berdringing?**
Fir-ringing jinqabdu l-għasafar bi xbieki jew mezzi oħra, li bla ma ssirilhom ħsara jittiħdulhom diversi qisien u jitpoġġielhom ċurkett żgħir tal-metall fuq sieqhom.

**X'tagħmel bl-għasfur wara li tirringjah?**
Ngħidlu Ċaw u nitilqu! Ir-ringer mhux bħan-nassaba, li jżommu għalihom l-għasafar li jaqbdu.

**Għaliex isir dan l-istudju?**
Billi dan l-istudju jsir fid-dinja kollha, xi drabi aħna naqbdu għasafar li jkunu ġew irringjati barra minn Malta. B'hekk inkunu nafu l-għasafar minn fejn jiġu u fejn imorru. Nitgħallmu wkoll kemm jgħixu l-għasafar, kif ibiddlu r-rix u elf ħaġ'oħra.



Iċ-ċurkett jitqiegħed ma' sieq l-għasfur b'galbu kbir u b'għodda speċjali. B'hekk l-għasfur ma jweġġax.

**X'ikun hemm fuq iċ-ċurkett?**
Iċ-ċurkett ikollu fuqu numru u l-indirizz tal-BirdLife Malta miktubin żgħar ħafna.

**Allura ċ-ċurkett ma jdejjaqhomx l-għasafar?**
Iċ-ċurkett ikun ta' l-aluminju ħafif ħafna, li ma jissaddadx, u mas-sieq ikun merħi. Ma jtellifx lill-għasafar għaliex jiżen biss frazzjoni ta' gramma!

**Jekk l-għasfur diġà jkollu ċurkett x'tagħmel?**
F'dal-każ jittieħdu n-numru taċ-ċurkett u l-piż ta' l-għasfur, imbagħad jiġi nfurmat min kien qabdu l-ewwel darba. Meta għasfur b'ċurkett ta' Malta jinqabad barra, jibagħtu jgħidulna wkoll.

**X'isir bit-tagħrif li tiġbor waqt ir-ringing?**
Ir-ringing huwa mezz ta' studju dwar il-passa ta' l-għasafar fir-reġjun tal-Mediterran. Aħna nieħdu sehem fil-"Progetto Piccole Isole" li jsir kull sena fuq ħafna gżejjer żgħar fil-Mediterran. Nagħmlu 30 ġurnata sħaħ mir-rebbiegħa nirringjaw kontinwament fuq Kemmuna. It-tagħrif li jinġabar jinbagħat l-Università ta' Bologna fl-Italja, li mbagħad jippublikawh fi studju sħiħ. Hemm ħsieb li fis-snin li ġejjin isir studju simili fiż-żmien tal-ħarifa.



**X'inhuma l-aħjar ħinijiet għar-ringing?**
Jiddependi x'għasafar trid tistudja. Ġeneralment filgħodu huwa aħjar biex taqbad għasafar tal-passa li jkunu waslu matul il-lejl, u r-ringer ikun lesta x-xbiek tiegħu eżatt qabel ma jisbaħ. Fil-għaxija huwa aħjar għall-għasafar li jkunu


Vjolin tax-Xitwa biċ-ċurkett

sejrin jorqdu f'xi post partikolari. F'dan il-każ ir-ringer jarma x-xbiek wara nofsinhar u jdum hemm sa ma jidlam.

**Jaħasra l-għasfur ma jweġġgax max-xibka?**
Ix-xbieki li nużaw aħna r-ringers ma jweġġgħux lill-għasafar. Meta l-għasfur jidħol fix-xibka jaqa' fi speċi ta' but u r-ringer ikun pront ineħħi l-għasfur.

**Ġieli qbadt għasafar kbar bħal kuċċarda?**
L-għasafar li naqbad ikunu kważi kollha żgħar bħal pitirrossi u ħuttaf, imma xi drabi naqbdu xi għasafar ikbar bħal tajr isfar jew xi daqquqa kaħla.

**Kemm ikunu kbar ix-xbiek?**
Hemm diversi qisien li jvarjaw minn xi 7m sa xi 18m, b'għoli ta' 2.5m.

**Hemm modi ieħor kif tirringja?**
Barra x-xbieki jintużaw ukoll "maze traps" għall-għasafar tal-plajja. Dawn l-għasafar iħobbu jimxu ma' xifer l-ilma jfittxu d-dud, u jibqgħu deħlin fit-"trap". Meta jkunu daħlu ma jsibux minn fejn joħorġu. Imbagħad ir-ringer jeħlishom hu.

**Allura kulħadd jista' jsir ringer?**
Min jitħajjar irid l-ewwel ikun tgħallem sew jagħraf l-għasafar. Imbagħad japplika għand il-BirdLife għal permess biex jibda jitħarreġ f'dan l-istudju. Imbagħad jaqbad ma' ringer stabbilit li joħorġu miegħu biex jittrejnjah. Min japplika irid ikun għalaq 15-il sena.

**X'kien l-aktar għasfur li ħadt gost tirringja?**
Ħafna għasafar tawni gost kbir, per eżempju meta qbadt **gallina** (woodcock) li kienet it-tieni waħda li qatt ġiet irringjata Malta, jew il-**bumunqar** (scarlet rosefinch) li hu rari ħafna. Imma l-aktar speċjali kien il-**great spotted cuckoo**, li qbadt Kemmuna u li kien l-ewwel darba li ġie rringjat Malta.


Gallina

**Grazzi Manwel, u nawguralek ringing tajjeb!**

Audrey


"Il-Passa ta' l-Għasafar"




Ktieb bil-kulur li jispjega l-miraklu tal-passa.

# Għalik b'xejn

jekk iddaħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf!

Imla dil-formola u ibgħatha lil
**Daħħal Membru Ġdid Klabb Ħuttaf**
**BirdLife Malta MOS**
**POBox498 Valletta CMR01**


## IRNEXXIELI

Dettalji tal-membru l-ġdid

**Isem:** ______

**Indirizz:** ______

______

______

**Tel:** ______ **Data tat-twelid:** ______

Dettalji tiegħi

**Isem:** ______

**Membership number:** ______

Ma' dil-formola għandek issib ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.

Jekk ma tridx tgħarraq il-magażin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

## GLOBAL PAINTING CONTEST

**Tħobb tpitter?**
**Tħobbha n-natura?**

Għandek ċans tkun wieħed jew waħda mirrebbieħa tal-Global Painting Contest, kompetizzjoni ta' pittura għat-tfal (6 sa 15-il sena) mid-dinja kollha. Jekk tixtieq tieħu sehem hawn huma xi dettalji:

- Is-suġġett huwa:

**"Inħarsu Ġmiel l-Ibħra, is-Smewwiet u l-Foresti għas-Seklu 21."**

- Daqs tal-pittura: 257x354mm.
- Biex tpinġi uża li trid, basta bil-kulur.
- Iddaħħalx kliem jew messaġġi fl-istampa.
- Fuq wara tal-pittura żid ismek, data ta-twelid, indirizz, telefon, isem l-iskola fejn tmur u l-klassi.
- Ibgħat il-pittura lil:

**UNEP Regional Office for Europe**
**15 Chemin des Anemones**
**1219 Chatelaine, Geneva**
**SWITZERLAND**

- Mhux aktar tard mill-**31 Diċembru 1995**
- Hemm iktar minn 150 premju x'jintrebaħ, flimkien ma' ċertifikati eċċ. Xi wħud mill-pitturi rebbiħin jiġu stampati f'posters, kartolini, kalendarji eċċ.

Dil-kompetizzjoni tnediet mill-United Nations Environment Programme (UNEP).




**X'wiċċ tost!!!**



Victor Falzon

**Messaġġ mingħand siġra msallba:**

# "Grazzi minn qalbi lil dak l-għaref li sabni, qaċċatni u rabatni ma' dan l-arblu! Nifraħlu ta' kemm jaf iżejjen għall-Milied...!!"

